# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1413/00**

**Numru 26**

**Rite Mix (Gatt Bros) Ltd**

**vs**

**Total Concrete Systems Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija hamsa u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm485.40) rapprezentanti bejgh u kkonsenjar ta' konkos lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata April, 2000 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-3 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm485.40,0 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata matul April 2000, imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg